MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1355/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Lorna Borg abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Lorna Borg**

**vs**

**Ronald Bonsfield**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm255.18) rapprezentanti d-danni

kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Gunju 2001 gewwa Triq Sant’Antnin, Valletta, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAU 924, propjeta’ ta-attrici Lorna Borg u assikurata that polza comprehensive mas-socjeta’ attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura salv ghal Lm25.00 imhallsa mill-istess Lorna Borg, u  u l-vettura misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament tort tad-dola u tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ April 2003 u b-interessi legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702  tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’  mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm255.18), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ April 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------